**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 78/14 AL

A B

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti kien izzewweg lill-intimata fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A ' ;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, S, li twieled fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dunque ghadu monorenni ;

3. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-partijiet ma kienux jippossjedu l-kapacita' illi japprezzaw is-serjeta' tal-passi li kienu qeghdin jiehdu ;
4. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha u dan ai termini tal-artiklu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-ligijiet ta' Malta ;
5. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta ;
6. Illi minkejja l-buona volonta tal-attur, z-zwieg tal-partijiet qatt ma kien wiehed felici, stante li l-konvenuta effettivament uriet illi hija ma kienitx kapaci terfa' r-responsabilita' u wisq anqas tassumi l-obbligi matrimonjali ;
7. Illi fil-fatt il-hajja bejn il-kontendenti saret impossibbli, tant hu hekk illi l-partijet isseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) ;
8. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attur ;
9. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null ;

Talab ghar-ragunijiet fuq premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) hu wiehed null u bla effett fil-ligi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u cioe' artiklu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna ghalhekk li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-esponent taderixxi ghat-talbiet attrici fis-sens illi hija taqbel illi dina il-Qorti ghandha tippronunzja null iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet b'dana illi ma kienitx hi li tat lok ghar-ragunijiet li, jekk effettivament jezistu, ghandhom iwasslu ghall-annullament taz-zwieg taghha ma l-attur u allura ma ghandhiex tkun hi li tbati il-kap ta' l-ispejjez;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur u l-intimata datat l-4 ta' Settembru 2004 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

Permezz tax-xiehda tieghu[1] l-attur jghid li trabba f'familja tajba u inghata valuri tajbin. Jispjega li meta ra lill-intimata mill-ewwel ha grazzja maghha (fi zmien meta kellu biss sittax (16) –il sena) u staqsiha biex johorgu flimkien (fi zmien meta hi kellha biss

[1] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 16 tal-process
[2] Esebit a fol 28 tal-process

erbatax (14) –il sena). Hi accettat. Fuq it-tfulija jghid li ma tantx jaf dettalji hlief ghall-fatt li ommha kienet tqajjimha kmieni biex tahsel l-art u tali fatt kien idejjaq hafna lill-istess intimata.

Jispjega li ghall-bidu r-relazzjoni taghhom kienet normali, izda maz-zmien l-intimata bdiet ikollha atteggjament stramb, kienet tkun dejjem bin-nervi u bdiet tahtfu ghal xejn. Kienet tghawwih kontra l-familja tieghu u ma kienitx tersaq lejn id-dar tal-genituri tieghu. L-intimata baqghet l-istess tul l-gherusija twila taghhom (ta' madwar disa' snin) b'dan li l-attur baqa' jittama li ser tinbidel. Kienet tghidlu li thobbu bil-kliem pero' b'imgibitha kienet turi mod iehor peress ma kienitx turih affezzjoni, tant li kienet tirrifjuta li jkunu intimi tul l-gherusija kollha. L-attur kien jahseb li r-raguni wara tali rifjut kien minhabba l-fatt li tisthi jew minhabba r-religjon, izda wara z-zwieg is-sitwazzjoni baqghet l-istess tant li l-partijiet lanqas ikkunsmaw iz-zwieg taghhom fil-*honeymoon* li dam tmient ijiem u wara kienet tkun trid li jkunu intimi biss fid-dlam, b'dan li qatt ma hadet inizzjattiva fl-intimita' ta' bejniethom bir-rizultat li spicca mxennaq ghal mara. L-attur issorprenda ruhu meta skopra li martu (li tant kienet bierda mieghu) bdiet tibghat messaggi ta' natura sesswali lir-ragel ta' ohtu.

Dwar id-decizjoni li jizzewgu jghid li ddecidew li jizzewgu ghaliex dan kien il-pass li jmiss.

Jghid li maz-zwieg martu waqfet tahdem u bdiet tohrog ta' spiss iddur m'ommha b'dan li kienet tberbaq ammont sostanzjali li kien jaghtiha mill-paga filwaqt li lilu tghajjru 'qammiel'. Jekk imbaghad kien jixtri xi haga ghalih, kienet taghmel storbju shih. Jispjega wkoll li minkejja li kienet mara tad-dar, ftit li xejn kienet issajjar ghaliex kienet tippreferi tixtri l-ikel lest biex imbaghad kemm issahhnu. L-iskop taghha kien li ma taqlax borom peress li kienet iffissata fuq l-indafa. Kienet ukoll mara suspettuza b'dan li kienet tfittex fil-*mobile* tieghu ghaliex ma kienitx tafdah u kienet tissuspetta li ghandu mara ohra f'hajtu.

Jispjega wkoll li anke l-attitudni taghha lejn it-tifel ma kienitx wahda 'normali' ghaliex ma kienitx thallih jirkeb fil-karozzi ma' hutu, ma riditux imur ghand iz-zija tieghu, ma kienitx thallih igorr

gugarelli mieghu meta johorgu u kienet tkun trid lit-tifel stess jerga' jigbor il-gugarelli li jkun hareg biex jilghab.

Jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li ghalkemm kien jipprova jikkuntentaha, kien kollu ta' xejn u spicca jiehu l-kalmanti minhabba fiha. Jghid li martu ma kellhiex dik l-imhabba ta' mara mizzewga, anzi jzid jghid li '***qatt ma ghexet il-hajja konjugali ghax ma kienitx kapaci tifhem x'inhu zwieg u wisq aktar ma setghetx tassumi l-obbligi u r-responsabbilitajiet li jgib mieghu l-istess zwieg***'.

**<u>Il-Verzjoni tal-Intimata</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2], l-intimata tghid li trabbiet b'valuri sodi b'dan li l-familja taghha dejjem raw li tkun kuntenta. Tichad li l-attur ma jaf xejn fuq il-familja taghha u r-relazzjoni li ghandha maghhom. Dwar l-gherusija taghhom, tghid li kienu kuntenti hafna flimkien u kellhom relazzjoni tajba izda tghid li kienu johorgu kwazi biss mal-familja tieghu ghax ma kienx ikun irid johrog mal-familja taghha. Tiddiskrivi r-relazzjoni li kellha mal-familja tal-attur bhala wahda tajba u tichad il-parti tal-affidavit tal-attur fejn jghid li l-karattru taghha tbiddel matul is-snin u zzid tghid li jekk kien jahseb li ma uritux imhabba bizzejjed fl-gherusija, missu ma zzewwighiex.

Tispjega li wara z-zwieg u wara t-twelid tat-tarbija taghhom, kienet tmur tahdem fil-hanut tal-attur, b'dan li ma kienx jaghitha paga fissa ghas-sieghat li kienet taghmel ghaliex kien jippreferi jhallas il-*loan*. Wara sentejn bil-hanut, l-attur iddecieda li jnehhi kollox u jibda jirregistra u ghalhekk ma tistax tifhem kif l-attur jghid li kienet tberbaq il-flus ghaliex bil-flus tar-registrar ma kellhomx introjtu bizzejjed ghall-familja taghhom. Tichad ukoll li kienet tixtri l-ikel lest ghalkemm tghid li m'hijiex xi koka prima. Tichad li hi ossessjonata bl-indafa wkoll kif tichad ukoll li kienet tara l-*mobile* tieghu ghaliex qatt ma kellha suspetti fih.

Dwar il-*honeymoon,* l-intimata tghid li minflok ma marru wahedhom, l-attur insista li tmur ommu u zitu maghhom. Hi

[2] Esebit a fol 28 tal-process

ghalqet halqha u ma qaltlu xejn. Dwar ir-relazzjonijiet intimi, tichad li ma kienitx taghmel avvanzi hi wkoll jew li ma kellhomx relazzjoni sesswali tajba u targumenta li dan kollu johrog car mill-fatt li ghandhom tifel flimkien. Tghid li trabbiet f'ambjent tajjeb u qatt m'ghaddielha minn mohha li jkollha xi relazzjoni ma' rgiel ohra u f'dan il-kuntest tichad li kellha żewg (2) *sim-cards*.

Taghlaq billi tghid li meta zzewgu, kienet taf x'inhi l-hajja matrimonjali, b'dan li minn dejjem uriet l-imhabba u s-sapport lejn żewgha u dejjem obbligat ruhha sabiex tghix il-hajja matrimonjali b'mod ezemplari. Jekk hemm xi had li ma assumiex l-obbligi matrimonjali, zgur li dan kien l-attur stess.

## Il-Provi migbura

Permezz tal-affidavit taghha, Irene B[3] u cioe' omm l-attur tghid li lill-intimata ma tantx saret tafha sew fi zmien l-gherusija peress li l-istess intimata ma kienitx tmur ghandhom id-dar wisq. Tghid li wara z-zwieg kienet tistedinhom ghall-ikel, b'dan li filwaqt li bhala familja jkunu qed jiccajtaw flimkien, l-intimata kienet tghajjar lill-attur u kienet tinsisti biex titlaq. Tiddikjara li l-intimata ma kienet tkun trid lil hadd id-dar taghhom u jekk xi hadd imur ghandhom, kien ikollu jinza z-zarbun qabel jidhol. Ritratti fid-dar taghhom kien hemm biss tal-familja taghha u xejn tal-familja tieghu. Tispjega li l-intimata kienet tghidilha li tonfoq hafna flus fil-hwejjeg (li gieli kienet tarmihom meta jkunu ghadhom bit-tikketta b'kollox).

Ix-xhud tispjega li meta binha kien imur izurha wara x-xoghol kienet iccempillu l-intimata biex tghidlu li l-ikel lest u li jekk jiksah, kienet ser tkun problema tieghu. Tghid li l-intimata kienet issajjar pero' qatt m'ghamlet l-ikel li jhobb jiekol binha u cioe' l-hut.

Taghlaq billi tghid li binha spicca jiehu l-pilloli minhabba l-inkwiet u n-nuqqas ta' rispett taghha minkejja li kien ghamel minn kollox biex jikkkuntentaha.

---

[3] Liema affidavit huwa esebit a fol 21 tal-process

Tixhed ukoll Frances Bonello[4] u cioe' wahda mill-ahwa tal-attur, li tibda billi tghid li fit-tieg tal-partijiet l-intimata ma riedet li jkun hemm ebda ritratt fid-dar ta' omm l-attur fejn tidher l-istess xhud. Fil-fatt l-istess xhud tghid li m'ghandha ebda ritratt fid-dar ta' ommha. Tiddiskrivi lill-intimata bhala mara li trid li tghaddi dejjem taghha jew inkella taqla' glieda jew taghmel in-nervi. Tghid ukoll li l-intimata ma kienitx tiehu pjacir jekk imorru ghandhom b'dan li l-istess intimata kienet tevita li ssajjar tisjir li jirrikjedi l-hin u l-preparazzjoni.

Izzid tghid li fi kliem l-intimata stess, il-flus jaqbzu minn idejha b'dan li kienet ukoll tghajjar lil zewgha u lix-xhud 'fidili' meta tarhom jiccajtaw u jidhku bejniethom.

Jixhed ukoll Carmelo Buhagiar[5] li permezz tal-affidavit tieghu jghid li waqt l-gherusija tal-partijiet, l-attur kien jorqod u jqum ghandu u kien ihobbu qisu ibnu tant li kien isellfu l-vettura tieghu, kien tah xi flus ukoll u kien jghinu f'kull ma kien ikollu bzonn. Jghid li l-attur kien ibiddel hafna xogholijiet b'dan li kien hemm zmien fejn spicca wkoll bla xoghol u kien qieghed jirregistra. F'dan iz-zmien ix-xhud kien jaghti l-flus lill-intimata minn wara dahar l-attur ghaliex kien jaf ma kellhomx flus bizzejjed. Jghid li ghadu jghin sal-lum ghaliex anke siefer lill-minuri tal-partijiet *senza interessi*. Izid jghid ukoll li kull ma kellhom fid-dar kollox kien xtara hu biex imbaghad, meta l-attur wieghed lill-intimata u lil ibnu li ser jihodhom *Disney Land,* uza l-flus biex mar *cruise* mal-gharusa l-gdida tieghu. Pero' minkejja dan kollu jghid li l-partijiet qatt ma kellhom problemi kbar bejniethom.

Jispjega li l-karattru tal-intimata ma nbidilx wara z-zwieg. Jispjega li rabba lil bintu tajjeb u li l-unika zball li ghamlet kien li zzewget kmieni wisq ghaliex l-attur ma kien ihalliha tmur imkien bl-issikkar tieghu u bl-ghira li kien jghir ghaliha. Jaghlaq billi jghid li l-familjari tal-gharusa l-gdida tieghu diga' keccewh mid-

[4] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 23 tal-process

[5] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 31 tal-process

dar u dan juri li l-attur difficli biex jikkuntenta ruhu, ahseb u ara kemm hu difficli li tghix mieghu ghaliex ragel li ma jafx xi jrid.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-4 ta' Settembru 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimata minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jidher (u dan anke mill-qari tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu) li l-bazi tal-kawza odjerna jdur fuq il-fatt li skond l-attur, l-intimata ma qdietx l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, specjalment ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-intimita'. Fatt li hu kontradett ghall-ahhar mill-intimata li ghalkemm tammetti li kienet tippreferi tkun intima fid-dlam u li meta tkun qed tinhasel ma jidholx fuqha ghaliex dan hu hin privat taghha, ssostni li ma kienx hemm problemi fir-rigward tal-intimita' ta' bejniethom. L-attur jargumenta wkoll li ma dahlux ghaz-zwieg bi hsieb imma ghaliex kien il-pass awtomatiku peress li kienu ilhom flimkien ghal numru ta' snin. Irid jinghad li mill-provi li tressqu miz-zewg partijiet saret hafna enfasi fuq x'gara wara z-zwieg pero' dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk fil-hin tal-mument tal-kunsens kienx hemm dan id-difett ta' diskrezzjoni li jinvalida l-kunsens taghhom jew le. F'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[6] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le.

Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l- Qorti

---

[6] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

“***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[8] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-provi mressqa mill-partijiet c-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li *stante* li l-partijiet iltaqghu meta kienu verament zghar (prattikament *teenagers*), hadu l-pass taz-zwieg bhala l-

[8] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

pass awtomatiku minghajr ma tawh tant hsieb u importanza (dan hu rifless ukoll fl-affidavits ipprezentati miz-zewg nahat fejn donnu z-zwieg sar u ghadda minghajr ebda importanza jew hsieb fuqu) u *stante* l-fatt li jirrizulta li l-attur jiehu decizjonijiet impulsivi (kif wara kollox kienet id-decizjoni li jitlaq mix-xoghol meta kellu mara u tarbija biex spicca jghix fuq l-ghajnuna socjali) flimkien u fil-kumplessivita' taghhom, juru li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg mhux ghax verament riedu u fehmu li jidhlu ghaz-zwieg imma ghax kienu ilhom gharajjes u ghalhekk dan kien il-pass li jmiss. Xejn ma hasbu fuq ir-responsabbilitajiet li jgib mieghu z-zwieg – wara kollox l-attur xejn ma haseb lanqas kif ser jaffettwa lill-mara u lil ibnu l-fatt li jitlaq mix-xoghol u jispicca jghix fuq l-ghajnuna socjali. Kollox kien qed jigi deciz *on the spare of the moment* u tali fatt juri n-nuqqas ta' diskrezzjoni kbira specjalment da parti tal-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.